

32005R0558

L 94/22

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

13.4.2005

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 558/2005

tat-12 ta' April 2005

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 3846/87 li jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għal rifużjoni tal-esportazzjoni u r-Regolament (KE) Nru 174/1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati speċjali għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 804/68 dwar liċenzji ta' esportazzjoni u rifużjonijiet ta' esportazzjoni fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib ⁽¹⁾, partikolarment l-Artikolu 31(14) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3846/87 ⁽²⁾, fuq il-bażi tan-Nomenklatura Magħquda, jistabbilixxi nomenklatura ta' prodotti agrikoli għar-rifużjonijiet tal-esportazzjoni.
- (2) In-nomenklatura tar-rifużjonijiet tistipula l-ġobnijiet li huma eliġibbli għar-rifużjoni tal-esportazzjoni jekk ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi f'dak li jirrigwarda l-materjal xott tal-ħalib u x-xaħam tal-ħalib. Tip ta' ġobon prodott f'ċerti Stati Membri ġodda jista' jissodisfa dawk ir-rekwiżiti neċessarji, iżda jista' ma jibbenefikax minn rifużjoni peress li ma jkunx kopert mis-sistema ta' klassifikazzjoni preżenti tan-nomenklatura tar-rifużjonijiet għall-esportazzjoni. Minħabba l-importanza ta' dak il-ġobon għall-industrija tal-ħalib, għall-kummerċ u għall-produtturi tal-ħalib involuti, jixraq li jiżded kodiċi ta' prodott taħt "ġobnijiet oħra" sabiex dak il-ġobon jiġi kklassifikat taħt in-nomenklatura tar-rifużjoni għall-esportazzjoni.
- (3) Il-kwantitajiet li għalihom huma meħtieġa liċenzji tal-esportazzjoni taħt il-kategorija ta' prodotti "ġobnijiet" qed jaqbzū kontinwament il-profil tal-limiti tal-esportazzjoni imposti fuq il-Komunità fil-qafas tal-Ftehim dwar il-Biedja wara n-Negozjati Kummerċjali Multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj. Il-liċenzji tal-esportazzjoni żejda li għandhom jiġu applikati għal din il-pożizzjoni ġdida se jżidu iżjed il-pressjoni fuq din il-kategorija.

- (4) L-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 174/1999 ⁽³⁾ jistipula li ma għandha tingħata l-ebda rifużjoni għall-esportazzjonijiet ta' ġobon meta l-prezz ħieles fil-fruntiera, qabel l-applikazzjoni tar-rifużjoni fl-Istat Membru tal-esportazzjoni, ikun inqas minn 230 € għal kull 100 kilogramma. Il-ġobon li jaqa' fi ħdan il-kodiċi 0406 90 33 9919 tan-nomenklatura għar-rifużjonijiet huwa eżentat minn din id-dispożizzjoni. Minħabba l-livell għoli fid-domanda għal-liċenzji tal-esportazzjoni għall-ġobnijiet, f'dawn iċ-ċirkustanzi jixraq li tiġi applikata din id-dispożizzjoni għall-ġobnijiet kollha mingħajr l-ebda eċċezzjoni.

- (5) In-nota (10) f'qiegħ il-paġna tas-Settur 9 tal-Anness I tar-Regolament (KEE) Nru 3846/87, li tapplika għall-ġobnijiet maħkuka, fi trab jew ipproċessati, tgħid li dak il-materjal mhux lattiku miżjud mhux se jiġi kkunsidrat għall-finijiet tal-kalkolu tar-rifużjoni. Jixraq li din id-dispożizzjoni tiġi estiża għall-ġobnijiet kollha u li jiġi deskritt aħjar il-materjal mhux lattiku kkonċernat. Jista' ma jkunx possibbli għall-esportatur, u ferm aktar diffiċli għall-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiddeterminaw il-piż ta' dawn il-materjali. Għalhekk, jixraq li r-rifużjoni titnaqqas b'ammont standard.

- (6) Ir-rifużjoni tingħata fuq il-piż nett tal-ġobnijiet. Jista' jkun hemm ċerta konfużjoni f'każijiet meta l-ġobnijiet jitpoġġew f'ippakkjar tal-parafina, tal-irmied jew tax-xemgħa jew inkella jkun mgeżwra f'film tal-plastik. Jixraq li jkun hemm dispożizzjoni li dan l-ippakkjar ma jkunx jiffirma parti mill-piż nett tal-prodott għall-finijiet tal-kalkolu tar-rifużjoni. Jista' ma jkunx possibbli għall-esportatur u għall-awtoritajiet kompetenti, rigward il-film tal-plastik, il-paraffin u l-irmied, sabiex jiġi determinat il-piż ta' dawn il-materjali. Għalhekk, jixraq li r-rifużjoni titnaqqas b'ammont standard.

- (7) Ir-Regolamenti (KEE) Nru 3846/87 u (KE) Nru 174/1999 għandhom, għalhekk, jiġu emendati kif jixraq.

- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni tal-ħalib u tal-Prodotti tal-ħalib,

⁽¹⁾ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 48. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 186/2004 (ĠU L 29, 3.2.2004, p. 6).

⁽²⁾ ĠU L 366, 24.12.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2180/2003 (ĠU L 335, 22.12.2003, p. 1).

⁽³⁾ ĠU L 20, 27.1.1999, p. 8. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1846/2004 (ĠU L 322, 23.10.2004, p. 16).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 qed ikun emendat b'mod konformi mal-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 174/1999 ir-raba' paragrafu qed jiġi mħassar.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu japplika għal applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni wara s-27 ta' Mejju 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 12 ta' April 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Is-Settur 9 tal-Anness I għar-Regolament (KEE) Nru 3846/87 qed jiġi emendat kif ġej:

- (1) Id-deskrizzjoni tal-kodiċi NM "ex 0406" qed jinbidel b'dan li ġej: "Ġobon u baqta (7) (10)."
- (2) Id-deskrizzjoni tal-kodiċi NM "ex 0406 20" qed jinbidel b'din li ġej: "— Ġobon maħkuk jew fi trab, tat-tipi kollha."
- (3) Id-deskrizzjoni tal-kodiċi NM "ex 0406 30" qed jinbidel b'dan li ġej: "— Ġobon ipproċessat, mhux maħkuk jew fi trab."
- (4) L-informazzjoni rigward il-kodiċi NM "ex 0406 90 88" qed tinbidel b'dan li ġej:

Kodiċi NM	Deskrizzjoni tal-merkanzija	Rekwiżiti addizzjonali sabiex jintuża l-kodiċi tal-prodott		Il-kodiċi tal-prodott
		Kontenut massimu ta' ilma fil-piż tal-prodott (%)	Kontenut minimu ta' xaħam fil-materjal xott (%)	
"ex 0406 90 88	----- Iktar minn 62 % iżda mhux iktar minn 72 %:			
	----- ġobnijiet magħmulin mix-xorrox			0406 90 88 9100
	----- Ieħor:			
	----- B'kontenut ta' xaħam, bil-piż, fil-materjal xott:			
	----- Ta' 10 % jew aktar iżda inqas minn 19 %	60	10	0406 90 88 9300
	----- Ta' 40 % jew aktar: ----- Akawi	55	40	0406 90 88 9500"

- (5) In-nota (7) fqiegħ il-paġna qed tinbidel bit-test li ġej:

"(7) a) F'każ ta' ġobnijiet ippreżentati f'pakketti immedjati li fihom ukoll likwidu preżervattiv, partikolarment is-salmura, ir-rifużjoni tingħata fuq il-piż nett, nieqes il-piż tal-likwidu.

- b) Il-film tal-plastik, il-parafina, l-irmied u x-xemgħa użati bħala ppakkjar mhumiex ikkunsidrati bħala parti mill-piż nett tal-prodott għall-finijiet tar-rifużjoni.
- c) Meta l-ġobon jiġi ppreżentat f'film tal-plastik, u meta l-piż nett iddikjarat jinkludi l-piż tal-film tal-plastik, l-ammont tar-rifużjoni għandu jitnaqqas b' 0,5 %.

Meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara li l-ġobon huwa ppakkjat f'film tal-plastik, u jekk il-piż nett iddikjarat jinkludix il-piż tal-film tal-plastik jew le.

- d) Meta l-ġobon jiġi ppreżentat fil-parafina jew fl-irmied, u meta l-piż nett iddikjarat jinkludi l-piż tal-parafina jew fl-irmied, l-ammont tar-rifużjoni għandu jitnaqqas bi 2 %.

Meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara li l-ġobon huwa ppakkjat fil-parafina jew fl-irmied, u jekk il-piż nett iddikjarat jinkludix il-piż tal-irmied jew tal-parafina jew le.

- e) Meta l-ġobon jiġi ppreżentat fix-xemgħa, meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara fuq id-dikjarazzjoni l-piż nett tal-ġobon li ma jinkludix il-piż tax-xemgħa."

(6) In-nota (10) f'qiegħ il-paġna qed tinbidel b'dan li ġej:

- ⁽¹⁰⁾ a) Meta l-prodott ikun fih ingredjenti mhux lattiċi, minbarra ħwawar jew ħxejjex aromatiċi, bħal b'mod partikolari perzūt, ġewż, gambli, salamun, żebbuġ, żbib, l-ammont tar-rifużjoni għandu jitnaqqas b' 10 %.

Meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara, fid-dikjarazzjoni pprovduta għal dak il-għan, li hemm miżjuda dawn l-ingredjenti mhux lattiċi.

- b) Meta l-prodott ikollu ħxejjex aromatiċi jew ħwawar, bħal b'mod partikolari mustarda, ħabaq, tewm, origanu, l-ammont tar-rifużjoni għandu jitnaqqas b' 1 %.

Meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara fid-dikjarazzjoni pprovduta għal dak il-għan, li hemm miżjuda ħxejjex aromatiċi jew ħwawar.

- c) Meta l-prodott ikun fih kaseina u/jew kaseinati u/jew xorrox u/jew prodotti derivati mix-xorrox u/jew lattożju u/jew *permeate* u/jew prodotti koperti bil-kodiċi NM 3504, il-kaseina u/jew il-kaseinati u/jew ix-xorrox u/jew il-prodotti li ġejjin mix-xorrox (eskluż butir tax-xorrox kopert bil-kodiċi NM 0405 10 50) u/jew il-lattożju u/jew il-*permeate* u/jew il-prodotti koperti bil-kodiċi NM 3504 miżjuda m'għandhomx jit-qiesu fil-kalkolu tar-rifużjoni.

Meta jikkompleta l-formalitajiet doganali, l-applikant għandu jiddikjara, fuq id-dikjarazzjoni pprovduta għal dak il-għan, jekk ġewx miżjuda l-kaseina u/jew il-kaseinati u/jew ix-xorrox u/jew il-prodotti derivati mix-xorrox u/jew il-lattożju u/jew il-*permeate* u/jew il-prodotti koperti bil-kodiċi NM 3504 u, meta dan ikun il-każ, il-kontenut *massimu* bil-piż ta' kaseina u/jew kaseinati u/jew xorrox u/jew prodotti li ġejjin mix-xorrox (jispeċifika, fejn ikun applikabbli, il-kontenut tal-butir tax-xorrox) u/jew il-lattożju u/jew il-*permeate* u/jew il-prodotti koperti bil-kodiċi NM 3504 miżjuda għal kull 100 kilogramma ta' prodott lest.

- d) Il-prodotti msemmija jista' jkollhom kwantitajiet żgħar ta' materjal mhux lattiku miżjud meħtieġ għall-manifattura u għall-preżervazzjoni tagħhom, bħal melħ, tames jew moffa."
